MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2002

Numru. 635/2002

**Pulizija**
**Spettur E. M. Camilleri**

**Vs**

**Walter Borg.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Walter Borg, ta’ 57 sena, iben il-mejjet Carmel u Mary nee’Farrugia imwieled Santa Venera fid-19 ta’ Mejju 1944, joqghod f’numru 5, Telgha tal-Belveder, Sliema, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 468144 (M);

Talli fis-17 ta’ Marzu, 2002, f’dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jaghmel delitt, b’mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ittanta jaghmel qliegh, wera dan il-hsieb batti esterni li taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu.

Wara illi rat l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet lix-xhieda prodotta, din il-Qorti qeghda ssib htija u ghaldaqstant, filwaqt li ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tlett (3) xhur mil-lum, a tenur tal-Artikolu 9, tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------